MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' April, 2014

Rikors Numru. 1168/2013

Anne **sive Annie Bonello**

**Vs**

**Tarcisio Cassar**

Permezz ta’ rikors prezentat fil-5 ta’ Dicembru 2013 ir-rikorrenti talbet sabiex terga’ tirrendi t-titolu ezekuttiv li ghandha kontra l-intimat. Skond kuntratt pubbliku tas-6 ta’ Dicembru 2000 tan-nutar Pierre Falzon, l-intimat iddikjara li huwa debitu favur ir-rikorrenti fis-somma ta’ tmintax-il elf sitt mija u hamsa u tletin ewro (€18,635): *"rapprezentanti self brevi manu maghmul qabel illum liema somma hija restitwibbli fi zmien sena millum bl-interessi ta’ tmienja fil-mija fis-sena oltre penali ta’ hames fil-*

*mija fis-sena, pagabbli l-interess bis-sitt xhur b'lura.".* Jirrizulta li b'kuntratt iehor tal-15 ta' Marzu 2004, l-intimat inghad sas-6 ta' Dicembru 2005 sabiex ihallas id-dejn.

Peress li ghaddew iktar minn tlett snin minn meta r-rikorrenti setghet tipprocedi bl-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv, kien hemm bzonn li taghmel dan ir-rikors (Artikolu 258 tal-Kap. 12).

Ir-rikorrenti ddikjarat li llum hi dovuta s-somma ta' erbatax-il elf seba' mija u tnejn u sittin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€14,762.22), skond prospett anness mal-ittra ufficjali prezentat fis-6 ta' Settembru 2007 (ara fol. 4 u 10). Fis-seduta tal-lum ir-rikorrenti xehedet u kkonfermat li l-hlas ghadu dovut.

Ghalkemm l-intimat gie notifikat, ma ressaq l-ebda twegiba.

**Fic-cirkostanzi tilqa' t-talba fis-sens li qeghda terga' tirrendi ezegwibbli l-kuntratt pubbliku tas-6 ta' Dicembru 2000 pubblikat min-nutar Dr Pierre Falzon, limitatament fir-rigward tal-kapital u imghax li ghadu dovut.**

**Spejjez kollha a karigu tal-intimat**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------